MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 431/2003

**Neil Harrison**

**vs**

**Maria Harrison**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-3 ta' April 1994 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok. "A");
Illi il-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif kontemplat fl-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Illi il-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga kif kontemplat fl-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Illi ghalhekk iz-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fit-3 ta' April 1994.

Bl-ispejjez u l-konvenuta ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti a fol. 4 tal-process;

Rat in-nota ta' l-attur tal-11 ta' Settembru 2003 fejn permezz taghha pprezenta tliet affidavits;

Rat il-verbal tat-28 ta' Ottubru 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Novembru 2003;

Rat li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smigh tal-kawza (*a tergo* ta' fol 9 u a fol. 10) hija baqghet ma pprezentat l-ebda nota ta' l-eccezzjonijiet u ghalhekk hija kontumaci;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi fl-affidavit tieghu, l-**attur, Neil Harrison** jghid:-

*"Illi jiena ghext it-tfulija tieghi gewwa l-Gzira. Mill-eta` ta' xi hmistax (15)-il sena sena sa l-eta` ta' madwar dsatax (19) -il sena jiena kont nattendi 'Youth Centre' tal-Parocca tal-Gzira. Kont tifel misthi hafna u hbieb li kelli ukoll kienu mill-Gzira, u ghax konna nattendu l-istess skola primarja.*

*Illi dak iz-zmien konna nkunu jiena u dawn il-hbieb tieghi u konna nkunu ma' grupp iehor ta' tfajliet mill-istess lokalita`, li huma ukoll kienu hbieb ta' xulxin. Kien hemm minn shabi li kienu johorgu ma' xi tfajliet ohra barra minn dan il-grupp, pero` jiena dejjem kont noqghod lura, ghax kont nisthi.*
*Illi dak iz-zmien fil-granet ta' matul il-gimgha, il-harga kienet tkun jew tul ix-xatt tal-Gzira jew fuq iz-zuntier tal-Knisja parrokjali ta' l-istess lokalita`. Fil-'weekends' l-aktar nhar ta' Sibt u xi kultant anke il-Hadd filghaxija konna mmorru bhala grupp sa Paceville, l-Styx 2 jew l-Axis discos.*

*Illi gara illi meta` kien ghad kelli biss tmintax (18)-il sena dawn il-klikka ta' hbieb tieghi bdew jissetiljaw ma' tfajliet. Bdew johorgu b'mod 'steady' u f'daqqa wahda kulhadd jinqata` ghalih wahdu peress illi minhabba l-pjanijiet taghhom ghaz-zwieg. Jiena pero` bqajt wahdi peress illi minhabba l-misthija tieghi kont nibqa` lura.*

*Illi mill-grupp taghna Maria kienet ghadha wahedha ma tohrog ma hadd. Shabi stess kienu rrangawli biex nibda' nohrog ma' Maria li kienet wahda mit-tfajliet li tkun fil-grupp maghna. Fil-bidu ma konniex nohorgu wahedna izda bhala koppji ma' shabna l-ohra. Pero` izjed ma jghaddi z-zmien izjed dawn bdew jinqatghu propju minhabba l-pjanijiet taghhom ghaz-zwieg. B'hekk ma bqajniex niltaqghu u wisq inqas nohorgu flimkien b'mod li jiena u Maria qisu spiccajna wahedna u allura ahna ukoll bdejna naraw x'ser naghmlu.*

*Illi gara illi, ghalkemm qatt ma tkellimna fuq zwieg, xtrajna post. Konna thajjarna nghid ghalija ghax kulhadd kellu l-post tieghu u kulhadd kien issetiljat u ahna ma' nafux x'ser naghmlu.*

*Illi f'dan l-istess zmien sehhew zvillupi ohra f'hajti li minghajr ma naf wasluni biex nispicca nizzewweg. Dan kien konsegwenza tal-fatt li lhaqt Spettur meta` kelli biss 22 sena.*

*Illi kont gejt stazzjonat fl-ghassa ta' tas-Sliema. Kienet kariga li ggorr maghha responsabbilta` kbira u kont ghadni zghir tant li llum il-gurnata nhoss li dak iz-zmien f'dik l-eta` ma' kontx matur bizzejjed.*

*Illi niftakar li kont Spettur f'ghassa tal-Pulizija ma' zewg Spetturi ohra li dak iz-zmien kellhom kwazi hamsin (50) sena u kont nhoss li jiena stante l-eta` zghira tieghi, kont qiesni huta barra mill-ilma f'dik il-kariga. Ridt nimmatura ghalkemm ma' kontx matur.*

*Illi jiena kont fl-ewwel 'intake' ta' 'officer-cadets'. F'dan il-grupp originarjament konna hdax (11) il-persuna, min akbar minni fl-eta` u min daqsi. Peress li dan il-kors kien dam flit aktar minn sena u nofs, konna sirna hbieb bejnienta.*

*Illi peress li kont inhoss li kienet kariga ta' certu responsabbilta`, fost affarijiet ohra lanqas lejn Paceville ma' bqajna nersqu u konna anke nevitaw postijiet ta' divertiment u dan minhabba il-kariga tieghi. Kont anke noqghod attent xi hwejjeg nilbes ghax issa kont sirt Spettur fil-Korp tal-Pulizija.*

*Illi gara illi anki fost dawn l-Ispetturi l-godda kulhadd jew mizzewweg jew ser jizzewweg. Anki hawn allura dan l-ambjent beda jimbuttani biex nghid li l-pass li jmiss kien li nizzewweg. Dan, kont inhoss, kien sejjer jghin biex nidher u nhossni matur.*

*Illi b'hekk kien sar importanti li nirrangaw il-post sabiex naghmlu l-pass ovvju li nizzewwgu. Biz-zwieg kont nemmen li nista' jkolli dehra ta' bniedem matur.*

*Illi fattur iehor li wassalni biex niddeciedi li nizzewweg kien li jkolli esperjenzi sesswali. Waqt li kont ma' Maria ma kelli ebda esperjenza simili u dan ghal diversi ragunijiet. L-*

*ewwelnett Maria gejja minn familja religjuza hafna. Il-genituri taghha u anke hi stess kienu f'ghaqdiet religjuzi lajci, u ghalhekk kienu iqisu dawn l-esperjenzi sesswali qabel iz-zwieg bhala xi haga pprojbita.*

*Illi minn naha tieghi kien ikolli x-xewqa li jsir xi att sesswali pero` dejjem kien hemm biza` specjalment minn naha ta' Maria u dan minhabba li setghu jindunaw il-familja taghha u anke li tista` tinqabad tqila. Apparti minn hekk dak iz-zmien l-att sesswali kien jitqies minn naha ta' Maria bhala esperjenza ta' wara z-zwieg.*

*Illi ntenzjoni li jkollna tfal qatt ma' kellna, ghal diversi ragunijiet fosthom li Maria kienet gejja minn familja kbira, kienu fil-fatt sitt ahwa, u hi kienet it-tieni. Peress li hi kienet involuta fit-trobbija ta' l-erbgha huta izghar minnha fl-eta`, hi qatt ma' kellha x-xewqa li jkollha tfal zgur ghal certu perjodu ta' zmien, biex tkun tista` tghix il-hajja aktar libera.*

*Illi fil-fatt l-ewwel relazzjonijiet saru fil-'honeymoon'. Dan il-'honeymoon' kien jikkonsisti filli morna nqattghu xi granet Ghawdex.*

*Illi maz-zmien pero` dawn ix-xewqat ghar-relazzjonijiet intimi bdew jonqsu. Dan ghaliex ghalkemm l-inklinazzjonijiet hemm kienu l-gibda lejn Maria bdiet tonqos. Wara li bdejna nghixu flimkien bdejt inhoss li qatt ma kelli gibda partikolari lejha. Kont inhossha izjed qisha ohti aktar milli marti. Konna qisna hbieb aktar milli mizzewga.*

*Illi fhimt illi kont ghamilt zball. Fittixt fiz-zwieg il-possibilita ta' relazzjoni sesswali proprju ghaliex dana ma stajtx naghmlu qabel. Il-misthija tieghi kienet tali li ma kontx kapaci nfittex tfajla obra. Sibt lil Maria u zzewwigt biex ikolli din ir-relazzjoni ma' mara li qabel qatt ma kelli.*

*Illi fittixt fiz-zwieg il-possibbilta` li nidher ikbar u li tghini biex nimmatura. Biex ma nidhirx qisni tifel li qed jaghmel xoghol ta' Spettur. Almenu stajt nghid li kont mizzewweg. Izzewigt ukoll ghax ta' madwari hekk kienu qed jaghmlu u emmint li dan kien il-pass li kelli naghmel fis-sitwazzjoni u*

*cirkostanzi li kont fihom. Ma stajtx napprezza fil-fatt ghalxiex kont diehel u dan kollu x'kien ifisser.*

*Illi aktar ma ghadda z-zmien aktar fhimt li ghamilt zball. Minhabba l-genituri tieghi ippruvajt nsalva dan iz-zwieg. Anki Maria qablet mieghi. Konna qed nisthu mill-genituri taghna u ghamilna sforz biex nirrangaw din il-problema. Anki sifirna sa l-Italja biex naraw kif immorru. Sahansitra ddecidejna li jekk ikollna tarbija dan iz-zwieg insalvawh. Hekk ghamilna imma kien kollu ta' xejn ghaliex imhabba, gibda lejn xulxin ma kellniex. Kienet relazzjoni artificjali. Relazzjoni ghad-dehra u finalment hassejna li kellna nisepparaw. Problemi biex dan isir ma kellniex ghaliex emmina li, ghalkemm dan iz-zwieg ma konniex nistghu nsalvawh anzi messu qatt ma sar, kellna nissalvagwardjaw l-interessi tat-tifel.*

*Illi jiena hassejt li fl-ahjar interess tat-tifel Maria izzomm l-appartament u jiena naghti manteniment ghat-tifel. Jiena ghandi ukoll access liberu ghal Liam.*

*Illi ghalkemm Liam forsi ma' twelidx f'imhabba ta' zwieg u f'familja bhal tfal ohra nhoss li ta' l-anqas ghandna naghmlu mill-ahjar li nistghu biex hu jghix hajja bhal tfal ohra.*

*Illi qabel ma twieled Liam missieri kien lahaq miet u b'hekk ghalija kien izjed semplici li nisseppara fis-sens illi ma kellix il-problema noqghod nispjega lil missieri l-problemi tieghi, anki ghaliex huwa kien bniedem ta' dixxiplina stretta. Ma kontx inkun kapaci nfiehmu li qatt ma kien hemm 'feelings' ta' xejn bejni u Maria. Li hassejt li l-pozizzjoni ta' Spettur kienet titlob minghandi li nizzewweg. Li dhalt ghal dan iz-zwieg ukoll biex nimxi mal-kurrenti u biex jkolli relazzjonijiet intimi. Dan fhimtu wara li ghamilt l-izball imma minhabba s-suggizzjoni tieghi minn missieri ma kien ikolli qatt l-kuragg nghidlu."*

Illi l-istess **konvenuta** pprezentat l-affidavit taghha datat 13 ta' Gunju 2003 fejn sostniet *inter alia* li kienet iltaqet ma' l-attur peress li kienet taghmel parti mill-istess klikka ta' hbieb li kien hemm f'dik il-parti tal-Gzira u kienu

spiccaw flimkien peress li l-membri ta' l-istess klikka kienu spiccaw johorgu mas-sieheb jew siehba taghhom u zzewgu; minhabba li kienet parti minn familja kbira kienet tiehu hsieb lill-hutha u ghalhekk il-hrug ma' l-attur kien ghaliha zvog ghalkemm peress *li l-attur kien misthi u kien dahal fil-korp deher li ried is*-support taghha. Kien ghalhekk pass naturali li tizzewweg anke ghaliex shabha, kemm tal-klikka u kemm fuq ix-xoghol hekk ghamlu.

Illi dan il-piz izjed hassitu meta l-attur lahaq spettur fil-korp tal-Pulizija u allura sabet l-opportunita' sabiex skond hija takkwista l-liberta' taghha mir-responsabilitajiet li kellha d-dar u wkoll tkun libera li jkollha relazzjoni sesswali ma' l-attur. Kien ghalhekk li ddeciediet li tizzewweg ghalkemm jidher li kellha dubji serji dwar in-natura ta' relazzjoni li kellha ma' l-attur.

Illi fil-fatt hekk gara peress li wara z-zwieg il-partijiet kienu u baqghu distakatti minn xulxin; ippruvaw isolvu l-problemi ta' bejniethom billi ddecidew li jkollhom t-tfal, izda jidher li lanqas it-twelid ta' Liam ma solva l-istess relazzjoni ta' bejniethom li l-konvenuta ddeskriviet bhala wahda *"superficjali u vojta u nieqsa minn imhabba vera".*

Illi l-istess konvenuta kkonkludiet l-affidavit taghha hekk:-

*"Issa d-distakk bejnietna kien enormi. Distakk minhabba nuqqas ta' mhabba, nuqqas ta' rispett anki lejn iz-zwieg taghna stess. Waqt it-tqala konna sahansitra anki ma norqdux flimkien. Iddecidejna illi kif jitwieled l-'baby' nisseparaw legalment u nkomplu nghixu l-hajja ghall rasna. Hekk gara u hekk ghamilna".*

## ii) <u>PRINCIPJI LEGALI.</u>

Illi c-ctazzjoni attrici hija mibnija fuq premessi li huma kkontemplati fl-**artikolu 19 (1) (d) u (f) u tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cjoe` l-**Att dwar iz-Zwieg**.

Illi fil-fatt l-attur issottometta li z-zwieg bejnu u bejn il-konvenuta ghandu jigi dikjarat null *inter alia* a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid:-

*“(d) jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*”.

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga’ kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **“Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg”** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta’ Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **“Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe”** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta’ Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta’ ***Viladrich***:

*"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties, which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (***Viladrich, P.J.,*** **“Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated.” (Montreal, 1993)**, p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an*

*expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich, P.J.,*** op.cit., p. 687).

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad ukoll li:-

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrizzjoni ta' gudizzju – art. 19 (1) (d) – biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (**"Isabelle Zarb vs Stephen Attard** – P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibilita' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu (d) ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha impossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (**"Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana**" – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju,1995); "**Theresa Mangion vs Keith Mangion**" (P.A. (RCP) 30 ta' Dicembru 2002 Cit Nru: 356/01/RCP).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew *addirittura* ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista ***Colagiovanni*** meta sostna li:-

"*Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" … … … richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che … … … si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita*" (**Forum, 1990**, Vol. 1 part I, p. 72).

Illi pero`, kif gia inghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza "*non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena*" (***Pompedda, M.F.,*** "**Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski"** – ***Pompedda – Zagglia***, **"Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova, 1984), p. 46).

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew*

*minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju" (ara, "**Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri**", P.A., 10 ta' Novembru 1995).*

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju* (***"Selina-Maria Vella Haber vs Joseph Gatt"***, *P.A., 15 ta' April 1996)"*.

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19 (1) (d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin vs Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar vs Kenneth Cassar"**, P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima vs Mary Andrews"**, P.A. 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

"*La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio*

*e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)*" (***Bersini, F.,*** **"Il Diritto Canonico Matrimoniale."** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

"*Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta*

*dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio*" (*ibid.* pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, u dan kif gja gie ndikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li inghad li:-

"*… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole*" (***Pompedda, M.F.,*** **"Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibilta` li wiehed jaqdi *ossia* jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilta` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifika fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` "*di*

*intendere e/o di volere*". "*L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale*", jghid il-***Bersini***, "*rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso*" (op. Cit., p. 99).

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich, P.J.,*** op. Cit., p. 687).

Illi ta' l-istess portata huma s-sentenzi **"Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee' Sultana"** (P.A. (VDG) 17 ta' Novembru 2000) u **"Anna Galea vs John Walsh"**, (P.A. (VDG) tat-30 ta' Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f'dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *"the community of life and love"*.

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Nathalie O'Toole vs Patrick O'Toole"** (P.A. (N.A.) 25 ta' Marzu 2002) fejn inghad li:-

*"Il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.*"

Illi kif inghad fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002) inoltre *"l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli".*

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); **u "Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn.

Illi min-naha l-ohra fl-**artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:-

**19 (1) (f)** "*jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*".

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee` Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*".

Illi ta' l-istess portata huma s-sentenzi **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine*"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u "**Albert Grech vs Josette Grech**" (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

**<u>iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur u l-konvenuta qabel iz-zwieg qatt ma rreflettew fuq l-obbligazzjonijiet u d-drittijiet naxxenti mill-kuncett taz-zwieg, u jidher li dahlu fl-

istess unjoni bla ma qiesu kif l-istess tista’ tirrefletti fuq il-hajja taghhom, u fuq xulxin.

Illi din il-Qorti hawn ma hijiex qed titkellem fuq sempliciment nuqqas ta’ maturita’, ghalkemm jidher car li l-istess partijiet kienu mmaturi ghall-ahhar sabiex jiehdu dan il-pass, kif jidher ampjament car mix-xhieda rispettiva taghhom, li giet fuq riportata bhala anke parte minn din is-sentenza sabiex fi kliem l-istess kontendenti jigi registrat b’liema animu l-istess partijiet dahlu ghaz-zwieg u wkoll ir-riflessjonijiet jew in-nuqqas taghhom, li huma hadu sabiex taw il-kunsens taghhom ghall-istess zwieg.

Illi fil-fatt mill-apprezzament tal-provi jidher car li l-partijiet qatt ma kienu jhobbu lill-xulxin; jidher li agixxew flimkien ta’ hbieb, meta bdew johorgu flimkien anke kazwalment ghaliex kienu parti mill-istess klikka ta’ hbieb, u peress li l-parti l-kbira ta’ shabhom kien akkoppjaw ruhhom, huma sabu ruhhom flimkien u ghamlu bhal haddiehor.

Illi jidher li s-sitwazzjoni sa’ dan il-punt kienet konvenjenti ghat-tnejn, u wara li raw lil hbiebhom jizzewwgu, kemm tal-klikka u kemm fuq ix-xoghol, kien ghalihom naturali li hekk jaghmlu; barra minn dan ghall-attur, l-*image* ta’ bniedem mizzewweg kienet ser tghinu, (dejjem skond l-attur), sabiex fil-kariga ta’ Spettur tal-Pulizija li huwa rnexxielu jilhaq ta’ eta’ zghira, huwa jidher iktar matur, u apparti dan, din kienet ghalih sa’ dak il-mument l-unika okkazzjoni sabiex huwa jkollu esperjenza ta’ atti sesswali mas-sess oppost, u f’dan il-kuntest kellu mohhu biss fil-konvenuta peress li maghha kien qed johrog.

Illi min-naha tal-konvenuta jidher li kellha l-istess hsibijiet dwar il-fatt li la darba hbiebha zzewgu hija kellha tizzewweg ukoll, u ma’ dan hija wkoll kkonsidrat li mal-familja taghha hija kellha wisq responsabbilitajiet u dan ghaliha kien mezz sabiex hija takkwista l-liberta’ taghha anke f’dik li hija relazzjoni sesswali mal-konvenut.

Illi certament f’dan kollu tispikka n-nuqqas ta’ kull emozzjoni ta’ mhabba konjugali bejn il-partijiet, u jidher car mir-rakkont li taw l-istess partijiet li huma qatt ma

kellhom ghal xulxin emozzjoni vera ta’ mhabba, u ghalhekk impenn volitiv min-naha taghhom sabiex emozzjonalment jaghtu ruhhom ghal xulxin u f’xulxin ghall-kumplament ta’ hajjithom. Anzi jidher li fl-istat li kienu dawn lanqas biss ikkonsidrawh, anke peress li rispettivament fittxew biss li biz-zwieg ikunu komdi maghhom infushom u mas-socjeta’ u jakkwistaw, minghalihom, *status* li jkun accettabbli ghal ta’ madwarhom u wkoll ghall-*ego* taghhom.

Illi dan kollu jwassal sabiex din il-Qorti tikkonkludi li kull parti fiz-zwieg indikat kellha difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewwga u fuq l-obbligazzjonijiet u l-elementi essenzjali naxxenti mill-istess, *stante* li jidher car li kull parti f’dak il-perjodu ta’ hajjitha meta effetivament tat il-kunsens taghha taz-zwieg, kienet impedita’ fl-istat emottiv, volittiv u ntelletwali taghha li tifhem l-kuncett veru u proprju taz-zwieg, b’dan li certament ma’ kien hemm l-impenn volittiv necessarju sabiex wiehed u wahda jaccettaw il-kondizzjonijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, inkluz il-*commitment* lejn xulxin ghall-futur kollu taghhom, li jkunu lejali lejn xulxin u jghixu u jibnu l-hajja taghhom flimkien ghall-bqija ta’ hajjithom.

Illi jidher car li dan l-element essenzjali taz-zwieg kien ghal kollox nieqes mill-konoxxenza taghhom, tant li fl-istat li kienu lanqas biss hasbu fih, anke ghaliex din r-relazzjoni kellha mankanti ghal kollox l-imhabba reciproka tat-tnejn min-nies li riedu jinghaqdu flimkien bhala unit u familja wahda; kien ghalhekk li r-relazzjoni taghhom anke wara c-cerimonja taz-zwieg qatt ma setghet taqbad art, ghaliex dan l-element kien ghal kollox nieqes mis-sentimenti taghhom, anzi jidher li kull parti baqghet distakkata kompletament mill-ohra, u lanqas il-wild taghhom ma seta’ jahbi din is-sitwazzjoni, ta’ zewg persuni li effettivament ghixu flimkien minghajr ebda impenn emozzjonali recipriku.

Illi dan kollu huwa naxxenti mill-kunsens vizzjat tal-partijiet ghall-istess zwieg fil-kuntest ta’ dak li jipprovdi l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** tal-Ligijiet ta’ Malta, u li certament

dan kollu jissodisfa l-bazi tat-talba attrici ghall-annullament taz-zwieg kemm skond id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 19 (1) (d)** minhabba li l-kunsens tal-partijiet kien affett b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga u fuq id-dmirijiet u d-drittijiet essenzjali taghha tant li l-element ta' imhabba kien ghal kollox nieqes minn u lejn xulxin.

Illi hawn huwa rilevanti li jinghad li l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vitae"* fuq imsemmi jikkomprendu zewg elementi u cjoe` l-imhabba konjugali u r-responsabilita' tal-familja. Kif qalet din il-Qorti fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (P.A. - 14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"Consortium Vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilita' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossubbilta' taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresuponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indossolubilita' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J. Edwards Hudson** (op.cit p164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi f'dan il-kaz jidher car li dawn l-elementi kollha kienu nieqsa fil-kapcaita' tal-partijiet li jifhmu l-istess u allura fil-kunsens taghhom moghti apparentament huma naqsu li jiehdu dan kollu fil-konsiderazzjonijiet taghhom, b'mod li jidher car li kull parti naqset li taghti kunsens validu ghal dan iz-zwieg, anke peress li fl-ebda stadju tal-hajja taghhom qabel iz-zwieg huma ma fehmu dan

x'jikkomporta u ghalhekk jista' jinghad li qatt ma setghu f'dawn ic-cirkostanzi jikkomettu ruhhom ghal tali unjoni valida.

Illi min-naha l-ohra mill-provi prodotti ma jidhirx li l-premessa fuq il-bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** giet b'xi mod sodisfatta u ghalhekk it-talba attrici fuq l-istess qed tigi michuda.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fit-3 ta' April 1994 u dan *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------